# LINJI GWIDA GĦAL SKEMA T'GĦAJNUNA GĦALL-BDIEWA TAL-ART BIEX TASSIGURA L-PROVVISTA TA' ILMA GĦAT-TISQIJA FIS-SAJF

# Table of Contents


1. Introduzzjoni ..... 2
2. Definizzjonijiet u Bażi Legali ..... 2
3. Perjodu tal-Iskema ..... 3
4. Eliġibbiltà / Kundizzjonijiet tad-Dħul ..... 3
5. Regoli Applikabbli dwar l-Għajnuna mill-Istat ..... 4
6. Baġit ..... 5
7. Kalkolu tal-Ħlas ..... 5
8. Applikazzjonijiet u Evidenza Dokumentarja ..... 6
9. Sospensjoni / irtirar tal-għajnuna finanzjarja ..... 6
10. Kontrolli Amministrattivi / Kontrolli oħra ..... 7
11. Irkupru tad-dejn ..... 7
12. Protezzjoni tad-data ..... 8
13. Rinunzja ..... 10
14. Dettalji ta' kuntatt ..... 10
Anness I. Pjan tal-Uċuħ tar-Raba' ..... 11

# 1. Introduzzjoni

Id-disponibbiltà tal-ilma tibqa' waħda mill-akbar sfidi għas-settur agrikolu f'Malta, aggravata mill-effetti tal-bidla fil-klima. B'riżorsi limitati ta' ilma ħelu naturali, klima Mediterranja sħuna u niexfa, u x-xita sporadika, hemm dejjem nuqqas bejn il-ħtiġijiet ta' irrigazzjoni u l-provvista ta' ilma disponibbli. Malta tinsab fost l-aktar għaxar pajjiżi affettwati minn stress tal-ilma fid-dinja, b'60m³ biss ta' ilma ħelu naturali għal kull persuna (120m³ meta tinkludi ix-xita).

L-ilma tal-pjan, li jipprovdi aktar minn 80% tal-ħtiġijiet tal-ilma tas-settur, qiegħed dejjem aktar jiġi kompromess mis-salinizzazzjoni minħabba estrazzjoni żejda u infiltrazzjoni ta' ilma mielaħ mill-baħar, li qed jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa tal-ħamrija u l-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba'. Madwar 8% oħra tal-ilma fl-agrikoltura ġej minn ilma riċiklat, u 9% minn ilma tax-xita miġbur.

Ħafna bdiewa jiddependu ħafna fuq ilma li jitwassal bil-*bowsers*, speċjalment fis-sajf. Din id-dipendenza fuq alternattivi għaljin tnaqqas il-kompetittività u s-sostenibbiltà fit-tul ta' dawn il-bdiewa.

Fid-dawl ta' dawn l-isfidi strutturali, l-awtoritajiet Maltin qed jintroduċu skema ta' għajnuna mmirata taħt ir-Regolament De Minimis (UE) Nru 1408/2013. L-iskema għandha l-għan li tnaqqas il-piż finanzjarju fuq il-bdiewa billi tikkumpensahom għall-ispejjeż ogħla relatati mal-irrigazzjoni li jkollhom matul l-istaġun niexef.

# 2. Definizzjonijiet u Bażi Legali

**<u>Definizzjonijiet</u>**

**Applikant:** Bidwi tal-art involut fil-produzzjoni ta' uċuħ tar-raba', inkluż l-ortikultura u kull tip ta' żrigħ/tħawwil, u li hu direttament responsabbli għall-immaniġġjar ta' biċċiet ta' art agrikoli għall-iskopijiet tal-kultivazzjoni.

**Applikazzjoni:** Talba formali sottomessa minn applikant eliġibbli lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) għal għajnuna finanzjarja taħt din l-iskema (Annex I).

**Spejjeż Eliġibbli:** Spejjeż mġarrba mill-applikant għax-xiri u l-kunsinna ta' ilma għall-irrigazzjoni permezz ta' *bowsers* biex jiżgura l-provvista ta' ilma għat-tisqija matul is-Sajf.

**Benefiċarji tal-ANC:** Bdiewa li kienu eliġibbli taħt il-miżura Żoni b'Restrizzjonijiet Naturali (ANC) fis-sena tat-talba 2024. Dawn il-bdiewa ġew ivverifikati mill-ARPA bħala attivament involuti fl-agrikoltura fiż-żoni tal-ANC, li jinkludu t-territorju kollu ta' Malta.

**Regolament De Minimis:** Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013, li jippermetti għajnuna mill-Istat sa €50,000 għal kull intrapriża agrikola fuq perjodu ta' tliet snin fiskali mingħajr il-bżonn ta' notifika minn qabel lill-Kummissjoni Ewropea.

**Għotja ta' Rata Fissa:** Ammont fiss ta' għajnuna finanzjarja, differenzjat skont il-kategorija tal-bidwi, li jirrifletti ż-żieda stmata fil-piż tal-ispejjeż tal-irrigazzjoni abbażi ta' dejta empirika u tal-baġit disponibbli.

**Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa:** Klassifikazzjoni tal-bdiewa skont il-Liġi Sussidjarja 639.10, li taqsam il-bdiewa f'kategoriji (eż. Kat 1, Kat 2, eċċ.) abbażi tal-iskala ekonomika, l-intensità tal-produzzjoni u d-daqs operattiv. Din il-kategorizzazzjoni tintuża biex jiġi ddeterminat il-livell differenzjat ta' għajnuna taħt l-iskema.

**Bażi Legali**

- Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd (Kap. 146 tal-Liġijiet ta' Malta).
- Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura.
- Liġi Sussidjarja 639.10 dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa.

## 3. Perjodu tal-Iskema

L-iskema se tkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2025.

## 4. Eliġibbiltà / Kundizzjonijiet tad-Dħul

L-iskema tapplika għal intrapriżi kbar u żgħar.

Biex l-intrapriżi jkunu eliġibbli għall-għajnuna, għandhom jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet:

- ikunu bdiewa attivi reġistrati mal- Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA);
- ikunu bdiewa li jaqgħu taħt Kategorija 2 'il fuq fil-kategorizzazzjoni tal-bdiewa kif stipulat fir-Regolamenti dwar il-Kategorizazzjoni tal-Bdiewa (Leġislazzjoni Sussidjarja 639.10);
- ikunu benefiċjarji li kienu benefiċjarji ta 'pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra skont ir-Regolament (UE) 2115/2021 matul is-sena tat-talba 2024;
- jagħmlu użu tal-ilma tat-tisqija fuq ir-raba' saqwi tagħhom permezz ta' ilma mixtri minn *bowsers*

- ikunu xtraw provvista tal-ilma ekwivalenti għall-minimu rikjest għal kull kategorija, kif muri, fit-tabella f'Sezzjoni 7 – Kalkolu tal-Ħlas, bejn l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2025;
- iridu jkunu xtraw ilma mingħand fornituri ta' *bowsers* tal-ilma li huma liċenzjati mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS); u
- iridu jipprovdu irċevuti fiskali, fiskalment validi u datati bejn l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2025, li jindikaw il-volum ta' ilma mixtri f'metri kubi.

Minbarra l-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija hawn fuq, japplikaw dawn il-limitazzjonijiet sabiex tiġi żgurata mira aktar preċiża tal-għajnuna u allinjament mal-ħtiġijiet reali tal-irrigazzjoni:

**Rekwiżit ta' Pjan tal-Uċuħ:** L-applikanti għandhom jippreżentaw pjan dettaljat tal-uċuħ li jkopri l-biċċiet ta' art li għalihom qed jintalab l-appoġġ. Dan il-pjan għandu jinkludi t-tip ta' uċuħ ikkultivati u d-dati ta' żrigħ/tħawwil matul ix-xhur tas-sajf. Il-pjan tal-uċuħ se jifforma parti mill-pakkett tal-applikazzjoni u jintuża biex tiġi vverifikata l-adegwatezza tat-talba għall-għajnuna.

**Esklużjoni ta' Għelieqi taħt AECC 5 fil-Perjodu ta' Mistrieħ:** Għelieqi li huma marbutin taħt l-Impenn Agro-Ambjentali Klimatiku (AECC) 5 li jirrikjedi li l-għelieqi jitħallew mistrieħa matul il-perjodu tas-Sajf mhumhiex eliġibbli taħt din l-Iskema. Dawn l-għelieqi jitqiesu li ma għandhomx bżonn ilma għall-irrigazzjoni matul ix-xhur kritiċi tas-sajf u għalhekk ma jaqgħux fl-iskop ta' din l-għajnuna.

Dawn il-preċiżazzjonijiet qed jiġu introdotti biex tinżamm il-konsistenza mal-objettivi tal-iskema proposta u biex jiġi żgurat li l-għajnuna tingħata biss għal biċċiet li huma b'mod dimostrabbli dipendenti fuq l-irrigazzjoni matul ix-xhur tas-sajf.

L-għotja tal-għajnuna hija kundizzjonats fuq is-sottomissjoni ta' riċevuti fiskali fiskalment validi minn fornituri liċenzjati mir-REWS li jikkonfermaw il-volumi ta' ilma mixtri bejn l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2025.

## 5. Regoli Applikabbli dwar l-Għajnuna mill-Istat

- L-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema għandha tirrispetta r-regoli tal-akkumulazzjoni kif stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 dwar l-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura. L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil intrapriża waħda m'għandux jaqbeż €50,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet (3) snin fiskali, b'kont meħud tal-għajnuna de minimis kollha oħra riċevuta. L-ARPA għandha tivverifika l-konformità ma' dawn il-limiti qabel l-approvazzjoni u l-ħlas tal-għajnuna taħt din l-iskema

- Japplikaw ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rappurtar. L-informazzjoni rilevanti dwar kull għajnuna individwali 'l fuq minn €50,000 mogħtija taħt din l-iskema, se tiġi ppubblikata fi żmien 6 xhur mid-data tal-għoti tagħha.

# 6. Baġit

Il-baġit disponibbli għal din l-iskema huwa ta' €700,000 li se jiġi ffinanzjat kollu permezz ta' fondi nazzjonali. L- Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali tirriserva d-dritt li temenda l-baġit allokat u tistabbilixxi u timmodifika r-rati ta' għajnuna skont il-baġit disponibbli.

# 7. Kalkolu tal-Ħlas

Il-kalkolu tal-ħlasijiet dovuti għandu jitwettaq mill-ARPA skont ir-rata stabbilita, li tiddependi min-numru ta' applikazzjonijiet riċevuti u fil-konformità mal-limiti stabbiliti mill-istudju u kif imsemmi fil-punt preċedenti.

L-iskema proposta tuża għażla simplifikata tal-ispiża, ibbażata fuq sistema ta' kategorizzazzjoni tal-bdiewa determinata mill-produzzjoni standard. L-intensità tal-għajnuna tvarja bejn il-kategoriji u hija mfassla biex tikkumpensa għall-ilma għall-irrigazzjoni mwassal permezz ta' *bowsers*. Taħt baġit totali ta' €700,000, l-appoġġ għal kull azjenda jvarja minn €220 fil-Kategorija 2 sa €2,051 fil-Kategorija 5, u jkopri bejn 248m³ u 684m³ ta' ilma rispettivament, kif muri fit-tabella hawn taħt:

| **Kategorija** | **Ammont Massimu ta' Kumpens** **€** | **Ammont Minimu ta' Ilma provdut** **$m^3$** |
|---|---|---|
| 2 | €220 | 73 |
| 3 | €745 | 248 |
| 4 | €1,599 | 533 |
| 5 | €2,051 | 684 |

Għaldaqstant, bidwi fil-Kategorija 2 jista' jibbenefika minn għotja ta' €220 jekk jipprovdi l-prova meħtieġa li xtara 73m³ ta' ilma matul ix-xhur tas-sajf. Alternattivament, bidwi kklassifikat fil-Kategorija 5 li ma jixtrix l-ammont minimu ta' ilma għal dik il-kategorija (684 m³) jista' xorta jkun eliġibbli għal għotja korrispondenti għal kategorija aktar baxxa, sakemm

jintlaħaq ir-rekwiżit minimu ta' xiri għal dik il-kategorija. Madankollu, bdiewa f'kategoriji aktar baxxi bl-ebda mod ma jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna marbuta ma' kategoriji ogħla.

## 8. Applikazzjonijiet u Evidenza Dokumentarja

**Applikazzjonijiet**

Applikazzjonijiet li jiddikjaraw li l-bidwi jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u tal-għajnuna mill-Istat *de minimis* għandhom jiġu sottomessi qabel is-26 ta' Settembru 2025. Wara verifiki adegwati, l-ARPA se tistabbilixxi lista ta' bdiewa eliġibbli.

L-applikanti għandhom jippreżentaw pjan tal-uċuħ skont il-mudell f'Anness I.

**Dokumentazzjoni Meħtieġa għall-Applikazzjoni**

Flimkien mal-applikazzjoni, il-produtturi għandhom jipprovdu d-dokumentazzjoni li ġejja:

- Pjan dettaljat tal-uċuħ li jkopri l-biċċiet ta' art li għalihom qed jintalab l-appoġġ. Dan il-pjan għandu jinkludi t-tip ta' uċuħ ikkultivati u d-dati ta' żrigħ/tħawwil matul ix-xhur tas-sajf.

**Evidenza Dokumentarja**

L-evidenza dokumentarja meħtieġa għall-għoti tal-għajnuna, jiġifieri riċevuti fiskali minn fornituri validi eċċ., għandha tiġi sottomessa mill-bdiewa eliġibbli, kif stabbilit wara s-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq, sa data li tiġi mħabbra mill-ARPA.

L-evidenza dokumentarja għandha tiġi evalwata skont dawn il-Linji Gwida u sakemm il-baġit jiġi eżawrit.

Applikazzjonijiet riċevuti wara d-data ta' għeluq ma jiġux aċċettati.

***Evidenza Dokumentarja Meħtieġa***

L-applikanti eliġibbli għandhom jipprovdu:

- Irċevuti fiskali fiskalment validi minn fornituri ta' *bowsers* tal-ilma liċenzjati, li jindikaw il-volum ta' ilma mixtri f'metri kubi.

## 9. Sospensjoni / irtirar tal-għajnuna finanzjarja

L-Aġenzija tista' tissospendi jew tirtira parzjalment jew kompletament l-għajnuna finazjarja meta jiġi identifikat nuqqas ta' konformita'.

L-ARPA se tissospendi l-għoti u/jew il-ħlas ta' kwalunkwe għajnuna taħt din l-iskema lil kwalunkwe impriża li bbenefikat minn għajnuna illegali preċedenti ddikjarata inkompatibbli b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni, sakemm dik l-impriża tkun irrimborżat jew ħallset f'kont imblukkat l-ammont totali ta' għajnuna illegali u inkompatibbli u l-imgħax ta' rkupru korrispondenti.

## 10. Kontrolli Amministrattivi / Kontrolli oħra

Il-kontrolli għandhom jinkludu verifika ta':

- l-eliġibbiltà tal-benefiċjarju
- aderenza mal-impenji tal-iskema

L-ARPA għandha d-dritt twettaq Kontrolli Fuq il-Post *(On-The-Spot Checks – OTSCs)* biex tivverifika t-talbiet sottomessi mill-applikanti.

## 11. Irkupru tad-dejn

Jekk l-ARPA tidentifika kwalunkwe ksur tal-kuntratt fit-tliet (3) snin ta' qabel ma jsir iil-pagament jew tinnota li saru irregolaritajiet minn benefiċjarju, l-ARPA tibda proċeduri ta' rkupru tad-dejn. Benefiċjarju jiġi notifikat b'dejn permezz ta' notifika mibgħuta lill-istess benefiċjarju permezz ta' posta reġistrata. Ittra bħal din se tinkludi l-ammont li għandu jiġi rkuprat u r-raġuni għall-irkupru ta' dawn l-ammonti. Meta jirċievi notifika ta' dejn, il-benefiċjarju huwa meħtieġ li jaċċetta d-dejn jew joġġezzjona għalih.

Jekk il-benefiċjarju jaċċetta d-dejn, huwa għandu jimla formola ta' aċċettazzjoni tad-dejn, li jkun ifisser li l-benefiċjarju jixtieq li jħallas l-ammont. Id-dejn għandu jitħallas fi żmien tletin (30) jum kalendarju mid-data tan-notifika.

Jekk min-naħa l-oħra l-benefiċjarju ma jaqbilx mad-dejn, għandha timtela formola ta' oġġezzjoni u tiġi ppreżentata lill-Aġenzija fi żmien ħmistax-il (15) jum tax-xogħol mid-data tan-notifika tad-dejn. L-oġġezzjonijiet sottomessi lill-Aġenzija se jiġu riveduti mill-Bord ta' Oġġezzjoni tal-Aġenzija. Il-benefiċjarju jiġi notifikat bil-miktub dwar id-deċiżjoni tal-Bord li jaċċetta jew jirrifjuta tali oġġezzjoni. Il-benefiċjarji huma mħeġġa jikkonsultaw il-Gwida għas-sottomissjoni ta 'oġġezzjonijiet għal penali/tnaqqis imposti mill-ARPA li jistgħu jiġu aċċessati mill-websajt tal-ARPA fuq: https://arpa.gov.mt/

Il-formoli ta 'aċċettazzjoni u oġġezzjoni jistgħu jitniżżlu mill-websajt tal-Aġenzija: https://arpa.gov.mt/ u jistgħu jiġu sottomessi għand:

- Front Office tal-ARPA, Pitkalija, Ta' Qali, Limiti ta' Ħ'Attard jew,

- L-Uffiċċju t'Għawdex, Razzett Sperimentali, Triq l-Imġarr, ix-Xewkija, Għawdex

Jekk il-benefiċjarju jkollu xi djun pendenti wara li jgħaddu sittin (60) jum kalendarju mid-data tan-notifika tad-dejn u la jkun issottometta formola ta' aċċettazzjoni tad-dejn u lanqas formola ta' oġġezzjoni, l-imgħax b'rata ta' 8% jiġi applikat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009, id-Direttiva 2011/7/EU u l-Artikolu 1852 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

## 12. Protezzjoni tad-data

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali twettaq il-funzjonijiet tagħha skont il-liġijiet applikabbli u kif ukoll skont l-aħjar prassi.

A tenur tal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (iktar il-quddiem ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jew "Ir-Regolament"), l-Aġenzija qiegħda hawn tipprovdilek din l-informazzjoni sussegwenti:

- Il-"Kontrollur" hija l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali u din tista' tiġi ikkuntattjata ġewwa il-"Farm Sperimentali" Għammieri, Marsa, Malta jew permezz tal-indirizz tal-posta elettronika arpa.mafa@gov.mt;
- L-Uffiċjal tal-protezzjoni tad-data jista' jiġi kkuntatjat ġewwa l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, "Farm Sperimentali", Għammieri, Marsa, Malta jew permezz tal-indirizz tal-posta elettronika dpo.arpa@gov.mt;
- L-għan tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek huwa li jiġu implimentati l-miżuri taħt il-Politika Agrikola Komuni skont it-Titlu III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-liġijiet Ewropej u nazzjonali relatati, politiki aktar speċifiċi huma dependenti fuq il-miżuri kkonċernati u jistgħu jiġu stipulati iktar l'isfel f'dan id-dokument;
- Ir-reċipjent tad-data personali tiegħek hija l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. Il-kategorija ta' reċipjenti tad-data personali tiegħek huma awtoritajiet pubbliċi li jinkludu wkoll istituzzjonijiet, entitajiet, uffiċini u aġenziji tal-Unjoni;
- Id-Data Personali tiegħek ser tinżamm għall-perjodu massimu illi tirrikjedi jew tippermetti l-liġi biex jiġu sodisfatti l-għanijiet iddikjarati u kwalunkwe obbligu legali u, jew talbiet li jistgħu jiġu mir-relazzjoni tiegħek mal-Aġenzija, jew oħrajn skont il-Politika ta' Retenzjoni tad-Data pprovduta ma' din id-dikjarazzjoni jew aċċessibbli mis-sit elettroniku www.arpa.gov.mt;

Id-drittijiet tiegħek bħala suġġett tad-data b'rabta mal-ipproċessar tad-data personali tiegħek huma:

- Id-dritt li tirċievi kopja tad-data personali tiegħek li tkun qed tiġi pproċessata, inkluża informazzjoni relatata mal-attivitajiet tal-ipproċessar.

- Id-dritt li titlobna nirrettifikaw id-data personali li taħseb li mhijiex tajba. Għandek ukoll id-dritt li tikseb il-kompletezza tad-data personali li taħseb li mhix kompluta.
- Id-dritt li titlob it-tħassir tad-data personali tiegħek f'ċerti ċirkostanzi.
- Id-dritt li titlob ir-restrizzjoni tad-data personali tiegħek f'ċerti ċirkostanzi.
- Id-dritt għall-portabbiltà tad-data personali tiegħek fir-rigward tal-informazzjoni li tajtna.
- Id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek jekk qed nipproċessaw l-informazzjoni tiegħek abbażi tal-kompiti pubbliċi tagħna jew għax huwa fl-interessi leġittimi tagħna.
- Id-dritt li wieħed ma jkunx soġġett għal deċiżjoni bbażata biss fuq ipproċessar awtomatizzat inkluż it-tfassil ta' profili.
- Id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin, fejn applikabbli.

It-talbiet biex teżerċita d-drittijiet tiegħek huma bla ħlas u preferibbilment għandhom isiru bil-miktub u jintbagħtu lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali. Id-dettalji ta' identifikazzjoni tiegħek bħan-numru tal-ID, l-isem u l-kunjom iridu jiġu sottomessi mat-talba għall-fini tal-verifika tal-identità tiegħek. F'każ li l-kontrollur ikollu dubji raġonevoli dwar l-identità tiegħek, tista' tintalab tipprovdi informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tikkonfermaha.

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali għandha l-għan li twieġeb it-talba malajr kemm jista' jkun bl-obbligu li ma jkunx hemm dewmien żejjed u li twieġeb mhux aktar tard minn xahar (1) minn meta jirċievi t-talba.

Id-dritt eżerċitat mis-suġġett tad-data jista' jkun limitat jew ristrett, fejn meħtieġ, skont il-liġi applikabbli.

Id-data personali illi inti qiegħed tipprovdi lilna hija rekwiżit kuntrattwali u, jew legali relatata mad-drittijiet u l-obbligi tiegħek fir-rigward tal-Aġenzija u r-responsabbiltajiet tagħha.

Meta tissottometti din l-applikazzjoni/talba inti qiegħed tiddikkjara illi tifhem u taċċetta li l-Aġenzija se tipproċessa data personali relatata miegħek għall-għan speċifiku illi tiġi pproċessata din l-applikazzjoni/talba, skont il-liġi. Sabiex l-applikazzjoni/talba tiegħek tiġi pproċessata, għandek tipprovdi d-data personali tiegħek għall-għanijiet iddikjarati u għal kwalunkwe għan raġonevoli u, jew legalment neċessarju biex jiġu sodisfatti l-għanijiet imsemmija. In-nuqqas milli tipprovdi din id-data jista' jirriżulta fl-impossibbiltà tal-ipproċessar tal-applikazzjoni/talba tiegħek, mingħajr preġudizzju għall-konsegwenza oħra skont il-liġi.

L-ipproċessar tad-data personali se titwettaq skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data.

## 13. Rinunzja

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali tirriżerva d-dritt li temenda minn żmien għal żmien ċerti kriterji stabbiliti minn dan id-dokument ta' gwida. Tali emendi jistgħu jsiru applikabbli u infurzati retrospettivament, mid-data tal-applikazzjoni.

Il-benefiċjarji potenzjali huma mitluba jfittxu kwalunkwe kjarifika meħtieġa qabel l-impenn.

## 14. Dettalji ta' kuntatt

Għal aktar informazzjoni rigward l- iskema, jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

| | |
|---|---|
| **Indirizz:** | Front Office tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali |
| | Ta 'Qali limiti ta' Ħ'Attard |
| | ATD4000 |
| **Numru tat-Telefon:** | +356 22926148 |
| **E-mail:** | arpa.mafa@gov.mt |
| **Websajt:** | https://arpa.gov.mt/ |

Anness I. Pjan tal-Uċuħ tar-Raba’

| *Profile number:* | |
|---|---|
| *Page ___ of ____* | |
| *SENA:- 2025* | |
| *Numru tat-talba:* | |

# Pjan tal-uċuħ tar-raba’

**Għajnuna Finanzjarja għall-Bdiewa tal-Art biex tassigura l-provvista ta’ ilma għat-tisqija fis-Sajf**

| **Numru tal-karta tal-identità ta' min se japplika:** | | **Isem u Kunjom:** | |
|---|---|---|---|

| Kunsill | Survey Sheet | Numru tal-Għalqa | Tip ta' pjanti mħawla jew miżrugħa | Data Minn | Data Sa | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |

______________________________
Firma tal-bidwi

__________________
Data